# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 583.12

## REGOLAMENTI DWAR ŻAMMA TAD-*DATA* (AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL- LOGĦOB)

16 ta' April, 2019

*AVVIŻ LEGALI 74 tal-2019.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar iz-Żamma tad-*Data* (Awtorità ta' Malta dwar il- Logħob). Titolu.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, bla ħsara għal dak previst fis-subregolamenti (2) u (3), il-kliem u l-frażijiet kollha għandhom ikollhom l-istess tifsira bħal dik preskritta fir-Regolamenti dwar Tifsiriet dwar il-Logħob. Tifsir. L.S. 583.04.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, "l-Att" tfisser l-Att dwar il-Logħob. Kap. 583.

(3) It-termini l-oħra kollha użati f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

**3.** (1) L-Awtorità tista' żżomm id-*data* kollha, inkluża wkoll kwalunkwe *data* personali, miġbura jew ipproċessata b'mod ieħor fl-insegwiment tal-funzjonijiet regolatorji tagħha skont l-Att għal perjodu ta' għaxar snin mid-data meta d-*data* ma tkunx aktar neċessarja għall-finijiet li għalihom kienet miġbura jew tkun b'kwalunkwe mod ieħor ġiet ipproċessata: Perjodu taż-żamma tad-*Data.*

Iżda ż-żamma tad-*data*, inkluża kwalunkwe *data* personali, hija *ipso jure* meqjusa bħala meħtieġa fir-rigward tal-finijiet li għalihom tinġabar jew tkun b'kwalunkwe mod ieħor ġiet ipproċessata, matul il-validità ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità.

(2) Iż-żamma tad-*data*, inkluża kull *data* personali, mill-Awtorità għal perjodi ulterjuri għandha tkun legali meta tkun meħtieġa:

(a) għall-konformità mal-obbligu legali u, jew regolatorju impost fuq l-Awtorità;

(b) għal skopijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, skopijiet xjentifiċi u, jew ta' riċerki storiċi u, jew skopijiet ta' statistika; u, jew

(ċ) għat-twaqqif, l-eżerċizzju, u, jew id-difiża ta' pretensjonijiet legali mill-Awtorità.

(3) L-Awtorità għandha tipproċessa d-*data* b'mod legali, ġust

u trasparenti, partikolarment fejn id-*data* tikkostitwixxi *data* personali. L-Awtorità għandha tipproċessa d-*data* personali kollha skont il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza.